# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Każ Nru 2716/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Anthony Carabott

u

BIM Limited

dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta

Data: 1 ta' Diċembru 2011

**Chairman: Franco Masini**

## DIGRIET

Wara d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell (sedenti l-Onor. Imħallef Raymond C. Pace) tas-27 ta' Ottubru 2011 li permezz tagħha dan il-Każ ġie rinvijat lura lil dan it-Tribunal. Iċ-*Chairman* odjern huwa tal-fehma li peress li ġa b'xi mod esprima ruħu dwar il-merti tal-każ fid-deċiżjoni oriġinali ma jħossx li jkun xieraq li jiddeċidi hu fuq il-merti. Għaldaqstant qiegħed jastjeni milli jisma' l-każ mill-ġdid u jordna biex l-atti kollha jintbagħatu lura lis-Segretarju tat-Tribunal biex bla telf ta' żmien jiġi assenjat lil *Chairman* ieħor. Dana peress li l-każ jimmerita jiġi mismugħ u deċiż minn *Chairman* ġdid li ma kellux konoxxenza tad-dettalji tal-każ u jista' għalhekk jikkunsidra l-każ mill-ġdid.

Franco Masini

Chairman